KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 16 – IL-ĦAMIS, 28 TA' AWWISSU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 16.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

16.1.1 Ma kienx hemm.

## 16.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

16.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (16) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

16.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 16.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

16.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa bid-diffikultà tal-overflow ta' drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos, sitwazzjoni li l-Kunsill ilu jkaxkar biha dawn l-aħħar snin. Informa li l-Uffiċċju Amministrattiv qed jagħmel pressjoni fuq WSC biex jitkomplew ix-xogħlijiet fi Triq San Mikiel biex din id-diffikultà tissolva darba għal dejjem. Issa li għaddiet il-Festa tas-Salvatur, jistgħu ikomplu mingħajr ebda xkiel. Din hija prijorità għall-Kunsill għaliex ir-residenti qed jiġu mpattati b'mod negattiv bl-irwejjaħ u l-materjal li joħroġ fit-triq b'inkonvenjent kbir li qed taffettwa l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna. Ħaġa ferm stramba li l-*overflow* ta' drenaġġ qed ikun aktar frekwenti fi żmien in-nixfa tas-Sajf.

L-aħħar li l-Kunsill tkellem mal-WSC kienu qed jagħmlu eżerċizzju bil-camera biex jaraw preċiż x'qed jikkawża dan is-sadd. Il-fatturi li jikkawża dan is-sadd huma magħrufa però l-Kunsill qed jistenna rimedji u soluzzjonijet. Il-Kunsill ser jibqa jagħmel pressjoni fuq WSC biex jesegwixxu x-xogħlijiet.

16.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li bdew ix-xogħlijiet fis-Sala tal-Kunsill fejn id-Direttorat bagħat il-ħaddiema biex jagħmlu xi xogħlijiet. Is-Sindku irrimarka li filwaqt li japprezza kull forma ta' għajnuna li qed joffri d-Direttorat, però ħafna mix-xogħlijiet u servizzi irridu nirrikorru għall-privat. Il-proġett qed jiġi ko-ordinat mill-Perit tal-Kunsill u saru site-visits u se jkun qed imexxi l-proġett. Preżentement qed isir *market research* fuq l-akkwist ta' oġġetti/servizzi biex jinġiebu kwotazzjonijiet. Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

16.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni rigward il-proġett propost tal-Pjazza. Informa li l-petizzjoni ma kenitx mgħoddija direttament f'idejn is-Sindku jew is-Segretarju Eżekuttiv iżda waslet minn idejn il-Kunsillier Mario Fenech. Is-Sindku semma li l-petizzjoni tikkwota numru żbaljat tal-applikazzjoni filwaqt li hemm numru ta' ismijiet mingħajr il-kunjom u lanqas numru tal-ID Card u dettalji oħra.

Is-Sindku ikkonkluda li fl-ispirtu ta' din il-petizzjoni, ser tkun qed titressaq mozzjoni biex il-komunità kollha tal-Iklin tkun tista tipparteċipa permezz tal-vot tagħha.

Finalment l-iskop tal-Kunsill huwa li l-lokalità jkollha *landmark* li tixraq lil din il-lokalità. Pjazza Ninu Cremona hija landmark ta' din il-lokalità u dak li qed jipprova jagħmel il-Kunsill huwa fl-interess tal-lokalità u xejn aktar. Għalhekk deċiżjoni daqshekk importanti jeħduha r-residenti direttament.

16.3.4 Is-Sindku ħabbar li Project Green tixtieq tiltaqa' mall-Kunsill dwar proġett ta' rikreazzjoni fl-Iklin. Kif kien żvela fis-seduta preċedenti, Project Green se tkun qed tiltaqa mall-Kunsill dwar proġett propost ta' Ġnien 'il fuq minn Triq Anton Manoel Caruana u Triq Karmenu Vassallo fejn illum hemm ir-raba. Fil-fatt, il-Kunsill irċieva notifika mingħand l-Awtorità tal-Artijiet fejn ġew terminati l-kirjiet tar-raba b'konnessjoni ma' proġett ta' rikreazzjoni. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,860 metru kwadru, li tmiss mal-Lvant u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mit-tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-rekords tal-Awtorità bħala Tenement numru J53045. Fuq l-art ta' Triq Anton Manoel Caruana, biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,578 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' triq pubblika u mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hjia reġistrata fir-rekords tal-Awtorità bħala Tenement numru J53046.

Il-laqgħa hija skedata għal nhar it-Tnejn 1 ta' Settembru. Fis-seduta li jmiss tal-Kunsill se titla item fuq l-agenda biex is-Sindku jirrelata dak li ser jiġi diskuss matul il-laqgħa.

16.3.5 Is-Sindku informa li kien irċieva komunikat mingħand il-W. Rev. Kappillan tal-Parroċċa Familja Mqaddsa dwar ftehim ta' kollaborazzjoni għall-festi natalizji 2025. Is-Sindku ressaq quddiem il-mejda tal-Kunsill il-programm propost għal din is-sena kif jidher hawn taħt:

It-Tnejn, 15 ta' Diċembru – Meet & Greet
Il-Ħamis 18 ta' Diċembru – Purċissjoni tradizzjonali
Is-Sibt, 20 ta' Diċembru – Ġej il-Father Christmas
It-Tnejn, 22 ta' Diċembru – Carol singing u tberik tal-Bambini u presepji, u faċċati tad-djar
It-Tnejn, 29 ta' Diċembru – Party għat-tfal tar-raħal

## 16.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

16.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-22 ta' Lulju u s-26 ta' Awwissu 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (22 July - 26 August 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 200 | 23/07/2025 | Hemm leakage tal-ilma bejn garaxxijiet 54 u 56 fi Triq ES Inglott (fin-nofs tat-triq) | settled | 54, 56 Triq ES Inglott | **WSC** |
| 201 | 23/07/2025 | Hemm boroż tal-Cleansing matul Triq ES Inglott u Triq l-Għargħur | settled | Triq ES Inglott/Triq Għargħur | **CLEANSING** |
| 202 | 24/07/2025 | Hemm 2 collapsible bollards fi Triq G Abos reġgħu intlaqtu. Dan qed jissuġġerixxi li jiżdiedu 2 oħra biex il-vetturi jaqtgħu qalbhom biex iduru u jsir wieħed minnhom tal-ħadid. | settled | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 203 | 24/07/2025 | Talba biex jitneħħa l-aħħar parking bay fi Triq G Abos qabel iddur għal Triq il-Klin għax jekk xi ħadt jipparkja 'l barra ma jkunux jistgħu jgħaddu vetturi għax tidjieq il-karreġġjata peress li hemm il-bollards fin-nofs | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 204 | 23/07/2025 | Ilment dwar ilma ħiereġ minn katusa u ilma jqattar fuq bankina ta' 18 Triq Ġ Galea | Closed | Triq G Galea | **SANITA ref: 3576/2025** |
| 205 | 24/07/2025 | Zebra Crossing li hemm quddiem Gaba mar-roundabout veru perikoluża, talba forsi issir xi railings sod, protezzjoni għal min qed jaqsam bħal m'hemm fi Triq Ġeronimo Abos k/m Triq il-Klin | pending | Triq Naxxar | **COUNCIL** |
| 206 | 28/07/2025 | Quddiem id-dar 74 fi Triq il-Klin saret parking bay waħda kbira. Ma joqogħdux 2 vetturi però qed jipparkjaw 2 u qed jostakolaw parti minn garaxx. Din qed titlob li ssir parking bay normali u MC bay biex ma tagħtix lok li jipparkjaw 2 vetturi | settled | Triq il-Klin | **COUNCIL/5H** |
| 207 | 28/07/2025 | Bozza iktar mitfija milli tixgħel fi Triq il-Ħarruba c/w Triq Bruka | settled | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 208 | 28/07/2025 | Ilment dwar dewmien fuq xogħlijiet fi Triq San Mikiel | pending | Triq San Mikiel | **WSC** |
| 209 | 28/07/2025 | Hemm 2 covers tal-GO miksurin quddiem Baker's Corner fi Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **GO** |
| 210 | 29/07/2025 | Hemm bozza tixgħel u titfi fuq arblu Y006/28 fi Triq il-Mużika | pending | Triq il-Mużika | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 211 | 29/07/2025 | Issewwew ħsarat fl-ilma quddiem nru. 58 fi Triq ES Inglott iżda reinstatement ma sarx tajjeb. | pending | Triq ES Inglott | **WSC** |
| 212 | 30/07/2025 | Talba biex jinqata l-ħaxix li kiber sew fi Triq ir-Razzett L-Aħmar | pending | Triq ir-Razzett L-Aħmar | **CLEANSING** |
| 213 | 30/07/2025 | Ilment dwar spralli tal-ilma fi Triq il-Wied ftit il-fuq mir-roundabout nizlu sew u tieħu skoss kbir meta tgħaddi minn fuqhom | pending | Triq Wied | **CSU PWD** |
| 214 | 28/07/2025 | Traffic mirror miksura fi Triq P M Vella faċċata tad- daħla tal-garaxxijiet | settled | Tirq P M Vella | **5H/ Council** |
| 215 | 31/07/2025 | Ilment dwar trakkijiet fi Triq E S Inglott meta suppost ma jgħaddux. (vettura sfat danneġġjata) | settled | Triq E S Inglott | **COUNCIL** |
| 216 | 31/07/2025 | Ilment fuq ħmieġ tal-klieb, biex jinkines Sqaq fejn Triq Karmenu Vassallo | settled | Sqaq K Vassallo | **CLEANSING** |
| 217 | 28/07/2025 | Ilment dwar riħa ta' drenaġġ fejn stabbiliment tan-negozju, Naxxar Service road | pending | Triq in-Naxxar | **COUNCIL** |
| 218 | 31/07/2025 | Rapport dwar kuntrattur li waqqa xi ramel fit Triq S Erardi (KCA438) | Phoned contractor to sweep (permit 7091) | Triq S Erardi | **COUNCIL** |
| 219 | 30/07/2025 | Talba biex isiru l-linji s-sofor mal-gnub tal-garaxx fi Triq Stefano Erardi | settled by our handyman | Triq S Erardi | **COUNCIL** |
| 220 | 01/08/2025 | Ilment fuq rampa ta garaxx b'vettura mitluqa u ħmieġ fejn raw anke ġrieden taħt 46 Triq K Vassallo | pending | Triq K Vassallo | **SANITA ref: 4097/2025** |
| 221 | 01/08/2025 | Rapport ta' ipparkjar u ħasil tal-inġenji fi Triq Karmenu Vassallo u storbju f'3.00am | pending | Triq K Vassallo | **COUNCIL** |
| 222 | 02/08/2025 | ilment fuq sprall li nizel fi Triq Wied | sent email-poggew pjanca | Triq wied | **CSU PWD** |
| 223 | 02/08/2025 | Tappiera tfur fejn roundabout tal Maypole Triq G Abos | settled | Triq G Abos | **WSC** |
| 224 | 05/08/2025 | Ilment dwar infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq in-Namur | pending | Triq in-Namur | **PUBLIC HEALTH** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 225 | 04/08/2025 | Ilment fuq ħaxix u siġra li sporġiet il-barra fi Triq E S Inglott | settled | Triq E S Inglott | **CLEANSING** |
| 226 | 05/08/2025 | Din qed tilmenta fuq l-istorbju tal-murtali l-ġurnata kollha | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |
| 227 | 06/08/2025 | Rapport li hemm arblu tad-dawl qed jisparkja fi Triq il-Luq | settled | Triq il-Luq | **ENEMALTA** |
| 228 | 08/08/2025 | Ilment dwar infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq il-Ħwawar c/w Triq Wied | pending | Triq il-Ħwawar | **PUBLIC HEALTH** |
| 229 | 08/08/2025 | Ilment fuq żrar minn sit fi Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **Council** |
| 230 | 08/09/2025 | Qattus mejjet faċċata 15/19 Triq May Butcher | settled | Triq May Butcher | **CLEANSING** |
| 231 | 11/08/2025 | Ħruġ ta' drenaġġ mit-tappiera ta' hdejn ir-roundabout ta' Triq G Abos | settled | Triq Geronimo Abos | **WSC** |
| 232 | 11/08/2025 | Residenta minn Triq Geronimo Abos qed tilmenta li t-triq hija maħmuġa ħafna. Qalet li mhux biżżejjed titnaddaf darba fil-ġimgħa. | closed | Triq Geronimo Abos | **CLEANSING** |
| 233 | 11/08/2025 | Hemm arbuxelli jesporġu mill-bandli għal fuq il-bankina, Triq G E Mercer | settled | Triq G.E. Mercer | **Kuntrattur** |
| 234 | 11/08/2025 | Ilment dwar ħmieġ taħt bankini fi Triq il-Klin (in-naħa ta' numru 99) | settled | Triq il-Klin | **CLEANSING** |
| 235 | 13/08/2025 | Hemm pjanċi fuq sprall fi Triq il-Wied qed iħabbtu ħafna kull meta tgħaddi vettura | closed | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 236 | 14/08/2025 | Qed jipparkjaw vetturi fuq iż-żewġ naħat tal-liwja minn Triq Mons Carmelo Aquilina għal Triq AM Caruana li vettura naqra kbira ma' tgħaddix. Talba biex isir double yellow line mal-liwja fejn hemm blata. | settled | Triq AM Caruana | **COUNCIL** |
| 237 | 13/08/2025 | Hemm siġra ffullata ħierġa mill-propjeta' 'Dar in-Naspli' fi Triq ES Inglott. Qegħda fi blind corner. | settled | Triq E.S. Inglott | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 238 | 18/08/2025 | Din toqgħod fi Triq ES Inglott 'il fuq mill-bankijiet u għandha l-boundary wall f'sharp corner u tixtieq li jsir xi ħaġa għax il-vetturi jitilgħu sparati u ġieli kien hemm inċidenti fejn jidħlu fil-ħajt. Tixtieq li jsir xi forma ta' protezzjoni għas-sigurtà tagħhom. | pending | Triq E.S. Inglott | **COUNCIL** |
| 239 | 18/08/2025 | Talba biex isiru drop off taxi areas fl-inħawi tal-Aria Club | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 240 | 18/08/2025 | Talba ghal road humps fi Triq Ħal Għargħur quddiem l-Aria Club | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 241 | 18/08/2025 | Talba għal Abulance bay fejn l-Aria Club fi Triq Ħal Għargħur | pending | Triq Ħal Għargħur | **COUNCIL** |
| 242 | 18/08/2025 | Tappiera faċċata 176 Triq Wied, telgħet bix xita u baqgħet tħabbat | Ref: 184835 settled o | Triq il-Wied | **WSC** |
| 243 | 18/08/2025 | Tqaċċtet siġra fejn 61 Triq G Abos | settled | Triq G Abos | **Kuntrattur** |
| 244 | 18/08/2025 | Talba biex jinżabru l-arbuxelli fi Tirq G Abos | settled | Triq G Abos | **Kuntrattur** |
| 245 | 19/08/2025 | Talba biex issir hedge mad-dawra tas-siġra tal-lariġ li hemm f'Wesgħa Lewis JB Scicluna għax persuni rresponsabbli jdaħħlu l-klieb fil-konka biex iħammġu fiha. | pending | Wesgħa Lewis JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 246 | 20/08/2025 | Hemm bozza maqtugħa L145/28 fi Sqaq il-Ħwawar | pending | Sqaq il-Ħwawar | **Kuntrattur** |
| 247 | 20/08/2025 | Hemm il-boltijiet tal-pjanċi fi Triq il-Wied qegħdin 'il fuq u l-vetturi qed iċarrtu t-tyres | closed | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 248 | 20/08/2025 | Hemm siġra tal-kappar qed tostakola l-bankina fi Triq ir-Razzett l-Aħmar ma' Triq in-Namur | pending | Triq ir-Razzett l-Aħmar | **COUNCIL** |
| 249 | 20/08/2025 | Hemm il-boltijiet tal-pjanċi fi Triq il-Wied qegħdin 'il fuq u l-vetturi qed iċarrtu t-tyres | closed | Triq il-Wied | **INFRASTRUCTURE** |
| 250 | 21/08/2025 | Talba għal tabella for Heavy vehicles fi Triq il-Wied 'l isfel mar roundabout | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 251 | 23/08/2025 | Inġenji jipparkjaw għal weekend fi Pjazza Ninu Cremona | pending | Pjazza Ninu Cremona | **Community Police** |
| 252 | 26/08/2025 | Hemm bozza maqtugħa W096/28 fuq arblu fi Triq ES Inglott | pending | Triq ES Inglott | **Kuntrattur** |
| 253 | 26/08/2025 | Dan ir-resident qed jirraporta li wara x-xita li għamlet daħallu ħafna ilma fil-basement. Dan minn mindu saret il-bankina l-ġdida fi Triq AM Galea | pending | Triq AM Galea | **INFRASTRUCTURE** |
| 254 | 26/08/2025 | Biex jitnaddfu l-water culverts ta' Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied | **CLEANSING** |

## 16.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

16.5.1 Ma kienx hemm.

## 16.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

16.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

16.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri, Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Ta' Verna Folk Group għal Meet & Greet għall-prezz ta' Eur650 VAT Exempt;

2. Kwotazzjoni mingħand il-fornitur Lija/Iklin FYA għall-prezz ta' Eur2k in konnessjoni mal-attività sportiva relatata mal-European Week of Sport;

## 16.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

16.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

16.7.2 Applikazzjoni PA 05653/25 Full Development Permission (RDP) - 55, Galaxy, Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, Iklin Extension of terraced house; including minor alterations at ground and first floor, the construction of a receded floor at second floor and a washroom at roof level. Application also includes the sanctioning of minor wall displacements as built from approved permits PB1495/82 and DN0619/04

## 16.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT APR – ĠUN

16.8.I Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-perjodu ta' bejn Apr u Ġun 2025

16.8.2 L-Accountant tal-Kunsill ippreżenta l-Overview & Summary, Statement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Flow Statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position and Depreciation of Property, Plant and Equipment.

16.8.3 Id-dħul fl-ewwel sitt xhur tas-sena kien ta' Eur188,999 filwaqt li l-ħruġ tal-ispejjeż kien jammonta għal Eur173,452.00. Id-deprezzament fuq PPE kien ilaħħaq l-ammont ta' Eur9,925.00.

L-allokazzjoni tal-Gvern kienet ta' Eur154,429. Dħul mill-permess kien jammonta għal Eur12,265.00. Dħul mill-LES kien jammonta għal Eur779 filwaqt li dħul ieħor iġġenerat mill-Community activities kien jammonta għal Eur8,683.00.

Għall-ewwel kwart ta' din is-sena, is-salarji ammontaw għal Eur54,844 filwaqt li l-*Operations & Maintenance* kienu jammontaw għal Eur84,107.00. Spejjeż amministrattivi kienu jlaħħqu l-ammont ta' Eur24,576.

Ir-rapport finanzjarju jikkonkludi li l-*financial permformance* fl-ewwel kwart tas-sena jirriżulta f'*surplus* ta' Eur15,547.00 u l-FSI huwa 63%.

16.8.4 Imbagħad is-Sindku Dott Dorian Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

16.8.5 Imbagħad is-Sindku ressaq il-mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Matthew Fenech biex jittieħed vot.

16.8.6 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

**(ara dok.E)**

## 16.9 MOZZJONI DWAR SEJĦA GĦAL REFERENDUM KONSULTATTIV GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA NINU CREMONA

16.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ippreżenta l-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

16.9.2 Il-mozzjoni ġiet moqrija mis-Sindku Dott Sciberras.

16.9.3 Il-Kunsillier Mary Grace staqsiet jekk il-Kunsill jikkunsidrax jipprepara materjal pubbliċitarju biex jintbagħat lir-residenti biex jifhmu aħjar il-proġett u l-informazzjoni tkun waħda aktar viżiva.

16.9.4 Il-Kunsillier Matthew Fenech jaqbel mas-Sindku li qabel ma jissejjaħ Referendum konsultattiv isiru serje ta' laqgħat mar-residenti biex nispjegaw il-proġett propost.

16.9.5 Imbagħad is-Sindku ressaq il-mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex jittieħed vot.

16.9.6 Il-mozzjoni għaddiet *nem con*.

**(Ara Mozzjoni nru. X-16-3)**

## 16.10 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TALBA GĦALL-ESTENSJONI TAL-AMMINISTRAZZJONI TA' PROPRJETÀ PUBBLIKA FI PJAZZA NINU CREMONA

16.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li ftit tal-jiem ilu, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali irrevediet il-policy document bil-ħsieb li jissimplifikaw il-proċessi. Ġie nnutat li saru xi emendi fil-Policy, b'mod partikolari fl-Ittri tal-indiċi taħt l-Artiklu 3. F'dan ir-rigward, id-Direttorat reġa bagħat kopja aġġornata tal-*Policy* flimkien mad-dokumenti l-oħrajn relatati b'mod speċjali l-Policy u l-applikazzjoni.

16.10.2 Kien deċiż li l-Kunsill se jkun qed jara l-policy document fid-dettal biex jitkompla l-proċess tal-applikazzjoni. Fil-frattemp, il-Kunsill kiteb formalment lill-Kunsill Reġjonali Lvant biex jinfurmah bil-proġett propost u sabiex il-Kunsill ikun jista japplika għall-fondi ta' Development Planning Fund f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant biex jottjeni 100% funding mill-Awtorità tal-Ippjanar.

16.10.3 Aktar żviluppi jingħataw fis-seduti li jmiss tal-Kunsill.

## 16.11 AĠĠORNAMENT DWAR EUROPEAN WEEK OF SPORT

16.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li Lija/Iklin FYA ser jipparteċipaw in full force u qed jistenna attendenza tajba.

16.11.2 Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier Mario Fenech tal-ħidma tiegħu fuq il-pubbliċità ta' din l-attività u rringrazzja wkoll lill-Kunsillier Mary Grace Gusman tal-isponsorship għall-parteċipanti.

16.11.3 Is-Sindku qal li min-naħa tal-amministrazzjoni, jidher li hemm kollox ko-ordinat u l-Kunsill f'dak li jirrigwarda clearance tal-vetturi u sospensjoni tat-traffiku u ser ikollu lill-Community Police Team biex jassisti fl-immaniġġjar tat-traffiku u anke ser ikunu disposti biex jipparteċipaw waqt l-attività sportiva.

## 16.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

16.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru 2025 fil-5.30 pm.

16.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Settembru 2025 fil-5.30 pm.

16.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv